



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 3 ta' April 2012 (11.04)
(OR. en)**

8531/12

SOC 257

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/KUNSILL
Nru dok. preċ.: 6022/12 SOC 83	
Suġġett:	Kumitat Konsultattiv dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol
	- Ħatra tas-Sinjura Stamatina PISSIMISSI, membru supplenti Griega, minflok is-Sur Antonios CHRISTODOULOU, li rriżenja

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sur Antonios CHRISTODOULOU, bħala membru supplenti tal-Kumitat imsemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern (għall-Greċja).
2. Skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2003/C 218/01, il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-gvern tal-Greċja nnomina lill-kandidat li ġej biex jieħu post il-membru supplenti li rriżenja għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fit-28 ta' Frar 2013:

Is-Sinjura Stamatina PISSIMISSI
Ministry of Labour and Social Security
Stadiou 29
GR-101 10 ATHENS
Tel.: + 30 210 370 2408
Fax: + 30 210 370 2310
posta elettronica: spisimisi@ypakp.gr

4. Għalhekk il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jagħti parir lill-Kunsill biex:
- (a) jadotta, bħala punt "A, id-Deċiżjoni tal-Kunsill meħmuża li tissostitwixxi membru supplenti fil-Kumitat Konsultattiv dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, u
 - (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru supplenti

fil-Kumitat Konsultattiv dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/C 218/01 tat-22 ta' Lulju 2003¹ dwar l-istabbiliment ta' Kumitat Konsultattiv dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

- (1) Fid-Deċiżjonijiet tiegħu tas-16 ta' Frar 2010², it-22 ta' Marzu 2010³, id-29 ta' Marzu 2010⁴, id-19 ta' April 2010⁵ u l-21 ta' Marzu 2011⁶, il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għall-perijodu li jintemm fit-28 ta' Frar 2013.
- (2) Bħala riżultat tar-riżenja tas-Sur Antonios CHRISTODOULOU, sar vakanti post ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern.
- (3) Il-gvern tal-Greċja nnomina kandidat għall-post vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.
² ĠU L 45, 20.2.2010, p. 5.
³ ĠU C 87, 1.4.2010, p. 11.
⁴ ĠU C 123, 12.5.2010, p. 1.
⁵ ĠU C 110, 29.4.2010, p. 2.
⁶ ĠU C 92, 24.3.2011, p. 9

Artikolu 1

Is-Sinjura Stamatina PISSIMISSI hija b'dan maħtura membru supplenti fil-Kumitat Konsultattiv dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol minflok is-Sur Antonios CHRISTODOULOU, għall-bqija tal-mandat attwali, jgħid li sat-28 ta' Frar 2013.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill

Il-President

=====